**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat:**

**Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D., Adv. Trib. Ecc. Melit**

**Seduta tad-Distrett tan-Naxxar**
**Il-Pulziija**
**(Spettur Ritianne Gauci)**
**(Spettur Joseph Mallia)**

**Vs**

**Joseph Caruana; u**
**Martin Caruana**

Illum, 25 ta' Gunju, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Joseph Caruana** 81 sena iben Peter u Mary nee' Scerri, mwieled Naxxar fil-24/04/1941 u residenti 45, 'Giggles', Triq Santa Marija, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita' numru 106341 M u **Martin Caruana,** 46 sena iben Joseph u Josephine nee' Xuereb, imwieled San Giljan fl-10/02/1976 u residenti gewwa 98, Flat 1, Triq Santa Marija, Naxxar detentur tal-karta tal-identita' numru 125176 M akkuzati talli

Nhar il-11 ta' Gunju, 2022 kif ukoll fil-granet, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data, gewwa dawn il-Gzejjer Maltin minghajr il-hsieb li tisirqu jew li taghmlu hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita dritt li tippretendu li ghandkom, giegheltu bl-awtorita' taghkom infuskom lil xi hadd ihallas dejn jew jezegwixxi obligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkiltu lil Anthony Robinson fil-pussess ta' hwejgu jew b' xi mod iehor kontra l-ligi, inhdhalt fi hwejjeg haddiehor.

Il-Qorti tista ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jaghmel reat, tordnalhom t-tnehhija ta' kull dizordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat, jew, skond ic-cirkostanzi, li jikkonformaw ruhhom mal-ligi, fi zmien, bizejjed ghal dak il-ghan izda f' ebda' kaz iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza li tigi stabilita mill-Qorti.

Rat l-affidavit ta' PS 1021 Christian Cauchi ezebit mat-tahrika tal-kawza; semghet ix-xhieda bil-gurament tal-Perit Robert Musumeci li pprezenta r-rapport Dok RM fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2024. Rat ix-xhieda ta' Anthony Robinson li xehed fis-seduta tat-13 t' April 2023 quddiem il-Perit Tekniku u ta' Joseph Galea fis-seduta tal- 20 ta' Gunju 2023 quddiem il-perit tekniku;

Rat li fis-seduta tas-7 ta' Marzu, 2023 l-partijiet qablu li jigi nominat Dr Robert Musumeci sabiex jaccedi fuq il-post, jisma' x-xhieda u jiehu konjizzjoni ta' kwalsiasi dokument / prova sabiex jasal ghal konkluzjonijiet tieghu.

Rat li fis-seduta tat-8 ta' Mejju, 2024 id-difiza iddikjarat li mhux ser teskuti lil Perit Musumeci.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti, x-xhieda u l-atti kollha.

Ikkunsidrat,

<u>Provi prodotti mill-Prosekuzzjoni</u>

**Affidavit ta' PS 1021 Christian Cauchi**. Nhar il-11 ta' Gunju 2022 certu Anthony Robinson irraporta li certu Martin Caruana u/jew missieru Joseph Caruana bi vjolazzjoni tal-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali xi zmien bejn Frar u Gunju 2022 ezercita pretezjonijiet arbitrarji billi hammel wisa' ta' circa 1.7 m mill-hamrija, sal-blat f' passagg ta' wisa' ta; 3.-48 m (ghaxar piedi) b' tali mod li holoq dizlivell ta' circa 90 centimetru f' nofs il-passagg li jimpedi l-access lill Anthony Robinson. Il-kwerelant stqarr li s-sitwazzjoni li hija nholqot minn Caruana hija murija fuq ritratti li pprovda l-kwerelant. Il-kwerelant stqarr li huwa ghandu dritt ta' passagg muri fuq pjanta u kkollaborat mill-kuntratt ta' xiri ta' Anthony Robinson. Il-kwerelant stqarr li hu bghatt messagg lil Martin Caruana dwar dan l-akkadut u li l-istess Martin Caruana permezz ta' messagg infurmah li ammetta li hammlu u li allegatament ghamel hekk biex ma jidholux ilma fil-garaxx. Il-kwerelant pprovda kwerela ffirmata mill-avukat Dr Rene Darmanin datata 22 ta' Gunju, 2022.

Dwar dan ir-rapport Joseph Caruan gie msejjah fl-ghassa n-Naxxar fejn gie moghti s-solita twissija u d-dritt li jikkonsulta mal-avukat ta' fiducja tieghu, fejn minn naha tieghu irrinunzja milli jezercita dan id-dritt u ghazel li jiffirma dikjarazzjoni.

Joseph Caruana stqarr li hu hammel dan il-passagg minhabba li kien dahallu l-ilma bil-'wear and tear' u kienu gew tal-MEPA fuq il-post u qalulu li seta' jhammel. Hu hammell dan. Joseph Caruana stqarr li Anthony Robinson kien qieghed jidhol gol-ghalqa privata taghhom li tigi biswit l-access li ghandhom Joseph Caruana, Vincent u Anthony u dan ma kienx suppost qed jaghmlu

**Affidavit ta' PC 602 N. Tabone** stazzjonat l-ghassa tan-Naxxar. Nhar it-23 ta' Gunju, 2022 kien irraporta certu Martin Caruana fejn gie moghti s-solita twissija fejn Martin zied jghid li ma ghandux ghalfejn ikellem avukat u ser jghati l-verzjoni tieghu fejn stqarr jghid li l-kwerelant ghandu dritt jghaddi minn dan il-passagg izda mhux mill-parti privata taghhom. Martin qal llil kwerelant li jekk taghmel xi hsara f' dan il-passagg dan ghandu jitranga din il-hsara li tkun saret. Martin zied jghid li ghall dawn l-ahhar tmien (8) snin Anthony dejjem uza l-propjeta' privata taghhom biex ikun jista' jahdem izda l-hsara li ghamel qatt ma trangat.

**Xhieda tal-Perit Anthony Robinson** quddiem il-Perit Tekniku fis-seduta tat-13 ta' April, 2023

Jixhed li l-propjeta' tieghu hija number 80 u l-gnien jinfed ghall-passagg. Ghandu access ghall-gnien kemm mid-dar kif ukoll mill-passagg in kwistjoni. Il-kuntratt sar fis-sena 2012. Mill-arial photos tal-Planning Authority tal-2012 jihder li l-passagg kien l-istess livell kullimkien u ma kien hemm ebda' hajt tal-bricks u allura seta' jidhol liberament.

Illum hemm bicca ghola minn ohra peress li thammlet parti minnu dan sar f' xi zmien bejn Frar u Gunju 2022. It-thammil sar mill-imputati Caruana u b' konsegwenza negawh mill-access li jidhol peress li nholoq dizlivell. Jissottolinja li qabel ma gara dan hu kien jghaddi b' mini van li kien juza ghal xogholijiet fil-gnien tieghu.

F' Gunju tal-2022 kellu bzonn jaghmel xi xogholijiet fil-gnien u qabbad xi haddiema. Meta l-haddiema gew fuq il-post ma setghux jghaddu minhabba t-thammil li kien hemm u ghamlu forma ta' rampa, fin-naha l-gholja bil-lean max.

Jixhed li wara li inghata l-lean max l-imputat Vassallo, skont l-kwerelant b' ritaljazzjoni, li jtella' dan il-hajt u allura spiccalu d-dritt ta' passagg.

Xi zmien wara l-haddiem li kien qabbad kien gie biex ikompli x-xogholijiet u dakkinhar stess sab lil imputat Vassallo ipoggi l-hajt tal-bricks. Il-kwerelant jippreciza li ma ghandu ebda' problema bil-hajt tal-bricks sakemm jibqalu d-dritt ta' passagg. Dakinhar mar ikellem lil Vassallo u dan infexx f' hafna nsulti u theddid.

Barra minn hekk Vassallo tella' wkoll zewg filati kantun tal-gebel fuq in-naha ta' wara u b' hekk il-wisa stipulata fil-kuntratt, ossia l-ghaxaar piedi, djieqet ghal seba' piedi u b' hekk kontra dak dokementat fil-kuntratt.

In kontro-ezami jirrispondi li meta hu (il-kwerelant) ghamel il-lean max ma talab permess minghand hadd. Fil-kuntratt ta' xiri hemm klawzola fejn il-vendituri tawh garanzija li sid il-plot, Carmela Caruana, qed tippermettili li nghaddi biex fuqha meta naghmel ix-xogholijiet illimitatament.

Mistoqsi mill-perit tekniku jirrispondi l-ahhar li ghadda liberament mill-passagg kien fil-2021 u kien jghaddi b' mini van zghir qisu 1.3 wisa' b' mod regolari.

Xi zmien bejn Frar u Gunju 2022 graw il-fatti li rrakonta u minn dakinhar ma setghax jghaddi aktar minnu.

**Xhieda ta' Joseph Galea** quddiem il-perit tekniku fis-seduta tal-20 ta' Gunju, 2023

Jixhed li lil kwerelant Anthony Robinson ma jafux. Il-perit Robinson kien cempillu biex jaghmlu xi xogholijiet, kien hemm passagg u ried iqatta' l-blat. Mar fuq il-post tah stima imma l-kwerelant ma kellmux lura.

**Il-Perit Dr Robert Musumeci** halef u ipprezenta r-rapport tieghu fis-seduta tas-16 ta' Jannar, 2024.

Ikkunisdrat,

Illi mix-xhieda tal-Perit Anthony Robinson l-att spoljattiv li l-imputati Joseph Caruana u Martin Caruana huma akkuzati jikkonsisti li huma li hammlu l-passagg li jghati ghal propjeta tal-imputat minn wara u holqu dizlivell fit-triq li tohloq problema ghall-access tat-triq.

Jirrizulta ukoll li permezz ta' kuntratt datat 3 ta' Gunju, 2013 bejn Joseph Caruana u Guza Caruana u Anthony Robinson u Elaine Robinson Meli akkiwstaw "dritt ta' passagg minn passagg privat."

Il-kwerelant isostni li qabel mill-passagg kien jghadd b' mini van li kont nuzah ghal xogholijiet fil-gnien tieghu.

Illi relazzjoni tal-Perit Tekiniku Dr Robert Musumeci irrapporta fost l-ohrajn is-segwenti

<u>"Konstatazzjonijiet li saru fuq il-post[1]</u>

1. Dan li gej jirrizulta waqt l-access li nzamm fuq is-sit in mertu it-13 ta' April 2023 fil-prezenza tal-partijiet u ghandu jiftiehem fil-kuntest ta' dak muri fil-pjanta u ritratti nkorporati f' Dokument RM 1 fl-anness.

1.1 Passagg li jibda' mit-triq u jasal sa wara nett tal-plot (markat bhala 'passagg 1' ). Dan il-passagg 1 jinqabad bejn hajt t' appogg fuq ix-xellug u l-hamrija fil-kumplament tal-plot. Il-hamrija fil-gemb kienet tinsab iruxxata bejn 0.45 m u 0.65 m 'il- fuq u dan ghal tul kollu tal-imsemmi passagg 1. Il-passagg 1 kellu wisa' li tvarja bejn 1.5 m u 1.6 m;

1.2 Passagg li jibda' mit-tarf ta' 'passagg 1' fuq wara nett u jikser lejn il-lemin (meta thares mit-triq) (mmarkat bhala 'passagg 2'). Biex minn passagg 1 tipprosegwi ghal passagg 2 hemm dizlivell ta' madwar zewg filati. Dan il-passagg 2 jinqabad bejn hajt tas-sejjiegh fuq wara nett u hajt baxx tal-*bricks.* Passagg 2 kellu wisa' li tvarja bejn 2.17 m 2.45 m;

1.3 Passagg li jibda mit-tarf ta' 'passagg 1' fuq wara nett u jikser lejn il-lemin (meta thares mit-triq) (markat bhala 'passagg 2') Biex minn passagg 1 tipprosegwi ghal passagg 2 hemm dizlivell ta' madwar zewg filati. Dan il-passagg 2 jinqabad bejn hajt tas-sejjieh fuq wara nett u hajt baxx tal-bricks. Passagg 2 kellu wisa' li tvarja bejn 2.17 m u 2.45 m;"

[1] Pagna 12 et seq Rapport Dr Robert Musumeci

“Konkluzjonijiet tal-perit tekniku[2]

1. Jezisti l-att spolljattiv?

   1.1. L-ewwel haga li trid tigi stabilita huwa li l-att estern ikun tabilhaqq spolja lil kwerelant minn xi haga li jkun qed ‘attwalment’ igawdi u dan fil-kredenza (f’ mohh min iwettqu) li tali att qed isir fl-ezercizju ta’ dritt benche minghajr l-awtorizazzjoni dwaru minn awtorita’ pubblika. F’ dan il-kaz, l-agir tal-imputat Caruana kif deskritt mill-kwerelant u korroborat fuq il-post, jihder li jikkwalifika bhala att estern li tabilhaqq spolja lill-kwerelant. Jekk tali att sehhx fil-kredenza (f’ mohh l-imputat ) li tali att qed isir fl-ezercizzju ta’ dritt dan ma jistax jintqal b’ certezza ghaliex l-imputati ma xehdux;

2. Jrkk kien hemm kwistjonijiet ta’ kotronversja bejn il-partijiet rigward l-att estern, fis-sens ta’ dissens esplicitu jew implicitu ta’ dik il-persuna li tkun qieghda tipprotesta l-att spoljattiv?

   *2.1.* Inter alia, il-kwerelant kellu dan xi jghid *‘ . . . Jien lil Caruana ghidlu li ma kelli ebda’ problema li thammel il-passagg u offrejt ukoll li nhammel il-kumplament biex jigi livell.*
   *Il-hajt u t-thammil sar bhala ritaljazzjoni ghall-objection li jien, flimkien ma’ hafna aktar residenti tal-inhawi, dahhalna wara li ma qbilniex mal-proposta*.’

   Jihder, ghalhekk, li l-kwerelant tkellem mal-imputati u, sahansitra, offirelhom li jhammel hu ‘il-kumplament’ biex jigi livell. M’ huwiex car pero’, jekk il-kwerelant qatt ipprotesta l-att spoljattiv ta’ Caruana qabel dan sehh;

3. L-imputat ghamel dak li ghamel biex ipatti ghal spoll mill-kwerelant?
   3.1. Mill-provi, dan assolutament ma jirrizultax;

4. Ghaddew sentejn mil-jum tal-konsumazzjoni tal-atti?
   4.1. Mill provi ma jihdrix li l-preskrizzjoni ta’ sentejn minn mindu twettaq l-att spoljattiv u melata l-imputati Caruana gew notifikati bic-citazzjoni iddekorriet.

5. X’ inhu l-grad tal-prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni u x’ jigri quddiem provi kunfliggenti?

---

[2] Pagna 16 et seq tar-rapport

5.1. F’ dan il-kaz l-imputati Caruana ghazlu li ma jihxdux. Issa, minn dak li xehed il-kwerelant u minn dak li rrizulta *in situ* waqt l-access, m’ hemm ebda’ prova ghaliex dak li ntqal il-kwerelant sotto gurament m’ ghandux jitwemmen.

Ikkunsidrat

Il-Qorti qed taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Warren Abraham SCICLUNA, deciza fit-22 ta’ Gunju 2022 (Appell numru 346/2022) fl-liema kaz l-imputat kien gie akkuzat taht l-artikolu 85(1) tal-Kap. 9

F’ din is-sentenza il-Qorti tal-Appell irriteniet li

“ 32. L-elementi tar-reat ta’ ragion fattasi ġew ukoll ritenuti, bħala li huma s-segwenti:[3]

a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta’ dik il-persuna;

b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;

c)ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b’idejh dak li suppost jiehu tramite l process legali;

d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f’reat aktar gravi;[4]

Inoltre, ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta’ pussess li dak li jkun gja kellu.

Illi fis-sentenza aktar recenti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohammed Amri (A**ppell Inferjuri, Appell Nru. 488/21/2 deciza fil-5 ta’ Settembru, 2024) fuq l-element tad-dissens il-Qorti riteniet

**“Att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew impliċitu ta’ dik il-persuna**: “

[3] Ara fost oħrajn, Il-Pulizija vs. Anthony Zahra deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta’ Ġunju 2014, Il-Pulizija vs. Mario Bezzina deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta’ Mejju 2004, Il Pulizija vs. Michael Lungaro deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta’ Mejju 2003 u Il-Pulizija vs. Eileen Said deċiża nhar id-19 ta’ Ġunju 2002 ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

[4] Enfasi ta’ din il-Qorti.

Illi fuq dan l-ewwel element din il-Qorti tagħmel riferenza għas sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Bernardette Vella** (Numru 190/2021) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "62. [...] Għal dak li jirrigwarda l-ewwel element, il ġurisprudenza prevalenti tal-Qrati tagħna tabbraċċja d definizzjoni ta' 'tgawdija' fis-sens wiesgħa ta' 'pussess sempliċi'. Il-Carmignani saħansitra jmur pass oltre għax jiddefinixxi dan il-'pussess' bħala wieħed attwali hekk kif il-kwerelant neċessarjament irid jipprova li fil mument li seħħ l-att spoljattiv huwa kien qiegħed jagħmel użu mill-ħaġa spoljata. Hekk per eżempju nsibu fil-kawża **Il-Pulizija vs. Joseph Bongailas** deċiża mill Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 ta' Ottubru 2001:
>
> "L-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali li jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwiżit tiegħu, kjarament iqis bħal aġir kriminali kull att ta' xi ħadd li jfixkel lil xi ħaddieħor fil-pussess ta' xi ħaġa li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, għalhekk, jittutela l-pussess tal-ħaġa u mhux neċessarjament ukoll il-proprjeta' tagħha. Il kelma pussess, għalhekk, tinkludi l-użu jew tgawdija ta' dik il-ħaġa....Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, **dejjem riferibbilment għall-ewwel element kostituttiv tiegħu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta' spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l pussess, ossija l-użu u/jew it-tgawdija tal-fond in kwistjoni."**

Ikkunsidrat,

Illi fil-kaz fejn jirrigwarda Joseph Caruana u Martin Caruana, l-Qorti tirrileva li mill-messaggi ezebiti mill-kwerelant (anki' jekk huma bla data) jihder li kien hemm xi forma ta' kunsens bejn il-kwerelant u Martin Caruana li jsir it-thammil u jitnehha xi materjal.

Kwerelant : "Martin, kif miftiehem u maqbul mieghek, jien ser inhammel il-kumplament tal-passagg biex nezercita id-dritt kuntrattwali ta' passagg tieghi,

Rispsota: "Tajjeb, hammel bejn il-hajt u l-appogg u ovvjament jitnehha l-materjal u l-konkons li tkellimna dwaru,"

Ikkunsidrat,

Illi dawn il-proceduri huma ta' natura kriminali u l-Qorti trid tikkunisdra mhux biss jekk kienx hemm xi att estern fid-dgawdija izda tal-pussess izda jekk kien hemm iva min huwa kriminalment responsabbli ghal tali att u jekk dawn ma gewx ipprovati sal-grad rikjest ghal sejbien ta' htija fil-kamp kriminali.

Il-Qorti kriminali ma hijiex kompetenti biex tidhol f' kwistjonijiet ta' natura strettament civili;

Illi fil-kaz odjern ma jirrizultax li l-imputati naqsu l-wisgha tal-passagg, l-Qorti ma hijiex ser tidhol fuq kemm ghandu jkun wisgha skont il-ligi d-dritt ta' passagg li ghandu l-kwerelant u x' tip ta' dritt huwa jgawdi ghaliex dik hija mertu ta' proceduri civili. Jirrizulta li kien hemm intendiment li jsir thammil u zbarazzar ta' materjal fil-passagg kif jindika l-messaggi ezebiti mill-kwerelant.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tikkunsidra li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-kaz sal grad rikjest mill-ligi

## Decide

Ghal dawn ir-ragunijiet wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputati Joseph Caruana u Martin Caruana mhux hatja tal- imputazzjoni dedotta kontrihom u qed tilliberahom minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**